**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IL-ĦAMIS, 28 TA' FRAR 2019**

**Kawża Nru: 6**

**Rik. Ġur. Nru. 283/17 RGM**

**Angela Borg**

**vs**

**Allin One Group Turnkey Services Ltd**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf tal-attriċi Angela Borg, li permezz tiegħu ppermettiet u talbet is-segwenti:

Illi hija proprjetarja ta' porzjoni art fabbrikabbli fi Triq il-Bronja, Mellieha;

Illi hija qabbdet lis-socjeta` konvenuta b'kuntratt ta' appalt datat 11 ta' April 2016 sabiex is-socjeta` konvenuta taghmel il-finishings kollha relattivi ghall-binja konsistenti fi blokka ta' tliet flattijiet mibnija mill-esponenti fuq l-art propjeta` taghha;

Illi x-xoghlijiet mifthema li s-socjeta` konvenuta kellha tizvolgi biex tesplita l-inkarigu taghha skont dan l-appalt, jinsabu fil-kuntratt tal-11 ta' April 2016 kopja annessa u mmarkata Dok AB 1;

Illi l-prezz mifthiem ghax-xoghlijiet mifthema skont il-kuntratt su riferit kien ta' mitt elf u tlett mitt ewro (€100,300), inkluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, li minnhom l-esponenta hallset is-somma ta' sittin elf ewro (€60, 000) akkont skont kif jidher mill-annessi ircevuti immarkati Dok AB 2 u Dok AB 3;

Illi s-socjeta` konvenuta naqqset milli tesplita l-inkarigu taghha u sal-lum il-gurnata lestiet biss parti zghira tax-xoghlijiet li kellha taghmel u liema xoghlijiet ma jiswewx l-ammont ta' €60, 000 imhallas akkont;

Illi s-socjeta` konvenuta waqqfet milli taghmel xoghlijiet skont il-kuntratt ta' appalt taghha su riferit mal-esponenti u ilha ma taghmel dawn ix-xoghlijiet ghal dawn l-ahhar sitt xhur;

Illi l-esponenta trid illi s-socjeta` konvenuta tkompli x-xoghlijiet obbligati minnha li taghmel u kif pattwit fil-kuntratt su riferit;

Illi s-socjeta` konvenuta interpellata ufficjalment permezz ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Dicembru 2016 numru____sabiex tkompli x-xoghlijiet, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi din l-inadempjenza da parti tas-socjeta` konvenuta qed tikkaguna danni ingenti lill-esponenta billi hallset aktar milli saru xoghlijiet u qed titlef introjtu mill-kirjiet ta' dawn l-appartamenti u kif ukoll tista' tkun esposta ghall-prezz oghla sabiex tlesti x-xoghlijiet permezz ta' appaltatur terz;

Illi ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors guramentat

Ghaldaqstant tghid is-socjeta` konvenuta il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex;

1. Tordna li s-socjeta` konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju tkompli u tlesti x-xoghlijiet li obbligat li twettaq fuq inkarigu tal-esponenta skont il-ftehim tal-11 ta' April 2016 anness u mmarkat Dok AB 1;

2. Tappunta esperti nominandi sabiex jissorveljaw ix-xoghlijiet tas-socjeta` konvenuta sabiex dawn ix-xoghlijiet ikunu skont kif pattwit fil-ftehim tal-11 ta' April 2016 u jkunu skont is-sena u l-arti;

3. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta, bl-inadempjenza taghha kkagunat danni ingenti versu l-esponenta;

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenta okkorrendi bl-opera ta' periti nominandi;

5. Tordna li fin-nuqqas li s-socjeta` konvenuta ma tkomplix ix-xoghlijiet skont il-ftehim tal-11 ta' April 2016 kif tordna din l-Onorabbli Qorti, sabiex l-esponenta tkun awtorizzata tkompli x-xoghlijiet hija stess a spejjez tas-socjeta ` konvenuta u taht it-tmexxija tal-periti nominandi mill-istess Onorabbli Qorti;

6. Tordna sabiex kwalsijasi somma hekk likwidata bhala danni sofferti mill-esponenta minhabba l-azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni mis-socjeta` konvenuta, jew ikkagunati minn nuqqas ta' tharis ta' regolamenti jew non osservanza tal-prattici skont is-sena u l-arti fil-bini u x-xoghol ta' appalt, jew negligenza, sabiex is-socjeta` konvenuta thallas din is-somma hekk likwidata lill-esponenta;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 369/17 u tal-ittra ufficjali numru 4168/16 u tar-rikors guramentat odjern u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta` konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti kollha annessi mar-rikors ġuramentat;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Mejjur 2018 fejn, wara li aċċertat ruħha li l-konvenuti kienu debitament notifikati b'rikors ġutamentat u bl-avviż tas-smigħ u li iżda ma kinux ippreżentaw risposta maħlufa u naqsu li jidhru, din il-Qorti ddikjarathom bħala kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża;

Rat li ħadd mill-partijiet ma ressaq nota ta' sottomissjonijiet fiż-żmien mogħti mill-Qorti;

Rat il-verbal tal-4 ta' Diċembru 2018 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Konsiderazzjonijiet**

***Azzjoni Attriċi***

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' appalt u għall-eżekuzzjoni tal-appalt miftiehem. Mill-assjem tal-provi jirriżulta li r-rikorrenti fil-11 t'April 2016 daħlet fi ftehim t'appalt mas-soċjeta konvenuta sabiex jagħmlu l-*finishings* ġewwa fond il-Mellieħa. Il-valur tax-xogħlijiet kien ta' mitt elf u tlett mitt elf ewro (€100,300) li minnhom kienet diġa għaddiet fl-ewwel ftit xhur akkont l-ammont ta' sittin elf ewro (€60,000) maqsumin f'żewġ pagamenti ta' tlettin elf (€30,000) il-wieħed. Ġara li lejn l-aħħar tas-sena 2016 is-soċjeta konvenuta waqfet ix-xogħlijiet tagħha b'konsegwenza li ammont ta' xogħol għadu pendenti.

Illi s-soċjeta konvenuta Allin One Group Turnkey Services Ltd ma ressqet l-ebda eċċezzjoni għall-azzjoni attriċi u lanqas dehret jew bagħtet rappreżentant tagħha kull meta ssejħet il-kawża. Ghalkemm Allin One Group Turnkey Services Ltd għażlet li ma tressaqx kontestazzjoni formali, għall-azzjoni mressqa kontriha, xorta jibqa' l-oneru fuq l-attrici li tressaq provi sodisfacenti in sostenn tat-talbiet taghha.

*Konsiderazzjonijiet legali*

Illi l-konsiderazzjonijiet legali li jintrabtu mal-każ odjern jinvolvu b'mod ewlieni l-effetti tan-nuqqas ta' twettiq tal-appalt mogħti lil Allin One Group Turnkey Services Ltd. Minħabba li jirriżulta li mhux ix-xogħlijiet kollha baqgħu ma sarux, il-Qorti jeħtiġilha tara jekk dawk ix-xogħlijiet li ma sarux humiex ta' siwi daqshekk rilevanti li minħabba fihom wieħed jista' jgħid li l-appaltatur (Allin One Group Turnkey Services Ltd) naqas milli jwettaq dak li tqabbad jagħmel.

Illi l-ewwel stħarriġ li l-Qorti trid tagħmel huwa dwar jekk kienx hemm ksur tal-kuntratt tal-appalt li jġib l-inadempiment ta' dak li kien miftiehem. Ta' min josserva l-ewwelnett li mill-atti li għandha quddiemha l-Qorti jirriżulta li qatt ma ġie mifthiem terminu għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet. Lanqas ma tressqet xhieda li turi li kien hemm xi ftehim kemm kellhom idumu għaddejjin ix-xogħlijiet.

Dan magħdud, jirriżulta mill-atti li s-soċjeta konvenuta ġiet kostitwita in mora permezz ta' ittra uffiċċjali datata 21 ta' Diċembru 2016. Dan qiegħed jiġi ikkunsidrat għaliex skond il-liġi tagħna meta l-konvenzjoni ma tiffissax terminu għall-kompiment ta' l-obbligazzjoni assunta mhux biżżejjed biex id-debitur jiġi dikjarat inadempjenti, imma jeħtieġ li jkun waqa' f'mora bil-kostituzzjoni tiegħu għal dak l-effett b'interpellazzjoni ġudizzjarja da parti tal-kreditur.

In tema legali ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Emanuel Grech et vs. Emanuel Muscat et** (Ċit Nru 105/1999 JRM) deċiża mill-Prim'Awla fl-10 ta' Ġunju 2005 fejn ġie ritenut:-

> 'Illi l-liġi taħseb għall-każ fejn persuna li tonqos li tagħmel il-parti tagħha taħt ftehim tista' tiġi mġegħla twettaqha. Dan ifisser li n-nuqqas ta' twettiq (f'waqtu) ta' obbligazzjoni ma jġibx fix-xejn dik ir-rabta, imma, għall-kuntrarju, jħalli lok li tista' tintalab l-eżekuzzjoni tagħha. Għalhekk, sakemm il-ftehim ma jkunx sar fih patt ta' kundizzjoni riżoluttiva espressa li meta sseħħ iġġib fix-xejn il-kuntratt b'mod li lanqas il-Qorti ma tista' ttawwal iż-żmien lid-debitur għall-eżekuzzjoni [Artikolu 1067 tal-Kap. 16], il-fatt li jkun sar ftehim bilaterali bejn tnejn min-nies jew iżjed jista' joħloq il-preżunzjoni li tingħadd li saret fih il-kundizzjoni riżoluttiva taċita f'każ li waħda mill-istess partijiet tonqos li twettaq il-parti tagħha. Imma din il-kundizzjoni ma ġġibx fi tmiemha *ipso jure* l-obbligazzjoni (għajr fil-kuntratti kummerċjali), u hija mogħtija lill-Qorti mil-liġi s-setgħa li tagħti lid-debitur żmien xieraq u skond iċ-ċirkostanzi biex jagħmel dak li kien intrabat [Artikolu 1068 tal-Kap. 16].'

Illi l-**artikoli 1067 u 1068 tal-Kapitolu 16** għandhom jinqraw fid-dawl ta' dak li jipprovdu l-artikoli li jirregolaw l-appalt, b'mod partikolari l-Artikolu 1640 tal-Kapitolu 16. Hu provvdut f'Artikolu 1640 (1) tal-Kodiċi Ċivili illi "min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda". Jekk imbagħad "ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-Qorti, skond iċ-ċirkustanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt" (subinċiż 2 ta' l-Artikolu 1640). A kuntrarju ta' dan imbagħad, u kif inhu l-każ mertu tal-kawża odjerna, "jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż

tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra."[1]

Illi din il-Qorti diversament preseduta spjegat li "l-ewwel sub-inċiż jikkontempla l-każ ta' xoljiment unilaterali *ad nutum* da parti ta' l-appaltant (**Cassar -vs- Pace**, Appell Civili, 14 ta' Dicembru, 1962). Dan kien hekk anke skond it-test l-antik tal-ligi (**Artikolu 1734, Kodici Civili**) u, kif spjegat, id-disposizzjoni kienet b'hekk "tidderoga apparentement ghal wiehed mill-principji fundamentali ta' kull kuntratt sinallagmatiku, jigifieri ghal dak il-principju li l-ebda wahda mill-partijiet kontraenti ma tista' arbitrarjament tehles mill-obbligazzjonijiet taghha... Id-disposizzjoni hi wahda eccezzjonali fis-sens li l-principal ixolji l-kuntratt arbitrarjament". Ara **Barbara -vs- Morana *et***, Qorti tal-Kummerc, 21 ta' Ottubru, 1954. Hekk, allura, b'dan il-provvediment il-ligi taghti lill-appaltant l-fakolta li jxolji minn rajh l-appalt minnu moghti, avolja x-xoghol ikun inbeda, billi jhallas lill-appaltatur tax-xoghol kollu li jkun lahaq ezegwixxa u ta' l-ispejjez kollha li jkun ghamel flimkien ma' somma li tigi stabbilita mill-Qorti bhala indennizz ghat-telf ta' profitt li pero` ma teccedix dik li l-appaltatur kien jirrealizza kieku kompla l-appalt. Ara **Accountant General *et* -vs- Ellul Sullivan *nomine***, Appell Kummercjali, 14 ta' Gunju, 1989"[2].

Ikkunsidrat;

Stabbiliti l-parametri legali regolanti l-vertenza mertu tal-kawża odjerna, il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' twettiq tal-appalt fil-ħin min-naħa ta' Allin One Group Turney Limited fid-dawl ukoll tas-sub-inċiż 3 tal-Artikolu 1640 tal-Kapitolu 16. Hu ben saput li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni u ċioe l-effett li min jonqos li jwettaq

[1] Artikolu 1640 (3) tal-Kapitolu 16.
[2] **Joseph Dalli et vs. Mediterranean Film Studios Limited** (Ċit Nru 3327/96 PS) deċiża mill-Prim'Awla fit-23 t'April 2010.

dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat. Għalhekk meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni). Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel u, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas, liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun ġarrab u fil-qligħ li jkun imtellef minħabba l-inadempiment.[3] Fi kliem ieħor id-debitur jibqa' dejjem responsabbli għall-adempjiment tal-obbligi assunti minnu. Jista' jkun il-każ iżda li l-inadempjenza kienet dovuta għall-kawża estraneja, forza maġġuri jew każ fortuwit jew semmai l-kaġun ta' nuqqas ta' twettiq kienet ġejja mill-imġiba nnifisha tal-appaltant u mhux kaġun ta' ħtija tal-appaltatur jew ta' terzi persuni imqabbdin minnu.

Illi għandu jiġi kkunsidrat ukoll jekk in-nuqqasijiet tal-appaltatur humiex sostanzjali jew le. Il-ġurisprudenza tgħallimna li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas. Min-naħa l-oħra fejn in-nuqqas ikun wieħed sostanzjali, ma jkun jistħoqqlu l-ebda ħlas u jġib miegħu s-sanzjonijiet maħsuba mil-liġi, u l-fatt li l-appaltant ikun wettaq xi ħlas jew saħansitra l-ħlas kollu tal-prezz miftiehem ma jwassalx biex l-appaltatur jitqies li jkun wettaq l-appalt meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher li dan m'huwiex il-każ.[4]

---

[3] Ara **Rosemary Gonzi et vs. Star Investment Limited** (Rik. Ġur. Nru 31/12 JRM) deċiża mill-Prim'Awla fis-6 ta' Ġunju 2018.
[4] Ara **Selective Quality Letting Ltd vs Mall Systems Ltd** (Ċit Nru 489/2004) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-28 ta' Jannar 2008; ara wkoll **Bonaventura sive Benny Camilleri vs. John Cuschieri** (Ċit Nru 248/1989) deċiża mill-Prim'Awla fil-31 ta' Jannar 2003.

Illi mill-provi mressqa l-attriċi ppruvat sodisfaċentement illi s-soċjeta' konvenuta Allin One Group Turnkey Services Ltd naqset milli ttemm ix-xogħol li tqabbdet tagħmel nonostante li kienet interpellata sabiex tagħmel dan permezz ta' ittra uffiċċjali. Mir-rapport *ex parte* tal-Perit Jonathan Borg[5] jirriżulta li s-soċjeta konvenuta baqgħet ma għamlitx diversi xogħlijiet fosthom tqegħid ta' madum, twaħħil ta' bibien, twaħħil ta' balavostri u tqegħid ta' kmamar tal-banju. F'għajnejn il-Qorti dawn in-nuqqasijiet jitqiesu sostanzjali u dan għaliex l-attriċi qiegħda tiġi mċaħda milli tgawdi l-fond tagħha u tuża l-fond kif kien minnha maħsub. B'dan għalhekk l-inadempjenza tas-soċjeta konvenuta kkaġunat dannu lill-attriċi.

Illi l-Qorti ikkunsidrat ukoll li fl-10 t'Ottubru 2018 l-attriċi talbet sabiex 'tkompli x-xogħol ta' *finishing* fil-fond *de quo* billi tqabbad terzi persuni stante l-inadepjenza tas-soċjeta konvenuta li tkompli x-xogħol'. Din it-talba ġiet akkolta. Għalhekk ix-xogħlijiet li ma temmietx is-soċjeta konvenuta, issa qegħdin jitkomplew minn terzi. In vista ta' dan id-digriet ma jibqax il-ħtieġa li tingħata deċiżjoni fuq l-ewwel, it-tieni u l-ħames talba.

Illi l-attriċi talbet ukoll lil din il-Qorti tillikwida d-danni li hija soffriet. L-attriċi tippremetti li d-danni li hija sofriet jistgħu jiġu kategorizati fi tlieta: (a) l-attriċi ħallset aktar milli saru xogħlijiet; (b) telf ta' introjtu mill-kirjiet ta' dawn l-appartamenti; u (ċ) ix-xogħlijiet li jonqos isiru ser isiru bi prezz ogħla permezz ta' appaltatur terz.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti ma tistax tillikwida danni ikkaġunati minn telf ta' introjtu mill-kirjiet ta' dawn l-appartamenti għaliex l-attriċi naqset milli ġġib prova f'dan ir-rigward u għalhekk il-Qorti m'hijiex f'qagħda li tasal għal-likwidazzjoni ta' dawk id-danni pretiżi. Il-likwidazzjoni sejra tkun limitata

---

[5] Paġna 29 tal-proċess.

għal ħlasijiet ta' xogħol li ma sarx u l-ispiża ogħla għax-xogħlijiet li jridu jsiru minn terzi.

Illi ai termini tal-**Artikolu 1640 (4) tal-Kodiċi Ċivili** "kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel mal-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun ta x-xogħol kull eċċess li jirriżulta." B'applikazzjoni ta' dan l-artikolu, is-soċjeta konvenuta għandha tgħaddi lura lill-attriċi s-somma ta' sitta u tlettin elf, disgħa mija tnejn u ħamsin ewro u għaxar ċenteżmi (€36,952.10). Il-Qorti waslet għal din iċ-ċifra wara li kkunsidrat li l-attriċi għaddiet akkont sittin elf ewro (€60,000) u mir-rapport tal-Perit Jonathan Borg jirriżulta li x-xogħol li sar mis-soċjeta konvenuta jammonta għal tlieta u għoxrin elf u sebgħa u erbgħin ewro u disgħin ċenteżmu (€23,047.90)[6].

Ġialadarba s-soċjeta konvenuta baqgħet inadempjenti nonostante li tqegħdet in mora, l-attriċi ma kellhiex triq oħra għajr tqabbad terzi sabiex ikomplu x-xogħlijiet li naqset tikkonkludi s-soċjeta konvenuta. Minħabba din l-inadempjenza l-attriċi ser ikollha tħallas b'rati aktar għoljin għax-xogħlijiet pendenti u dan kif jirriżulta mill-kalkoli li għamel il-Perit Jonathan Borg[7]. Il-Perit ikkonstata li l-valur ta' xogħol pendenti huwa ta' mija, tlettax-il elf, tmien mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€113,846.57). Il-valur ta' xogħol li sar huwa kif diġa ingħad ta' tlieta u għoxrin elf u sebgħa u erbgħin u disgħin ċenteżmu (€23,047.90) u għalhekk il-valur globali tax-xogħlijiet ġie jammonta issa għal mija, sitta u tlettin elf, tmien mija u erbgħa u disgħin ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€136,894.47). Minn dan il-valur globali għandu jitnaqqas il-valur li l-attriċi kienet oriġinarjament lesta li tħallas għax-xogħlijiet kollha u ċioe s-somma ta' mitt elf u tlett mitt ewro (€100,300), b'dan għalhekk iż-żieda fil-valur tax-xogħol huwa ta' sitta u tlettin elf, ħames mija u erbgħa u disgħin ewro u serbgħa u erbgħin ċenteżmu (€36,594.47).

[6] Paġna 48 – 49 tal-proċess.
[7] Paġna 50 – 53 tal-proċess.

Għaldaqstant il-Qorti qed tillikwida l-ammont globali li huwa dovut lill-attriċi mis-soċjeta konvenuta fis-somma ta' tlieta u sebgħin elf, ħames mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€73,546.57).

Dwar it-talba tal-attriċi għall-imgħax il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet. Hija ġurisprudenza kostanti illi fi kwistjonijiet li jirrigwardaw danni da liquidarsi, l-imgħax legali huwa dovut mill-jum li fih l-ammont dovut jiġi effettivament likwidat mill-Qorti. In tema legali ssir referenza għall-ġurisprudenza segwenti:

“**Salvatore Camilleri noe vs Candida Dimech ed altri** - 9 ta’ April, 1877 - fejn il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi: ““.............il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione.............”

“**Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli noe** - 18 ta’ Ottubru, 1909 - fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi: ““I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione”. “**Mallia Tabone Utrinque** – 8 ta’ Dicembru, 1903.;

**'Godfrey Schembri vs Victor Portelli** 31 ta' Mejju 2013 - Qorti tal-Appell li kkonfermat sentenza tal-Prim' Awla "Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas .................... u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit in mora".

Għaldaqstant il-Qorti ser tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas l-imgħax legali fuq is-somma likwidata mill-jum tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, it-tieni u l-ħames talba;

2. Tilqa’ t-tielet talba u tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta, bl-inadempjenza tagħha ikkaġunat danni ingenti versu l-attriċi;

3. Tilqa’ r-raba’ talba u tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi fis-somma ta’ tlieta u sebgħin elf, ħames mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€73,546.57);

4. Tilqa’ s-sitt talba u tordna lis-soċjeta konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma hekk likwidata ta’ tlieta u sebgħin elf, ħames mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€73,546.57).

Bl-imgħax legali millum sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż kontra s-soċjeta konvenuta.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion LL.D**

**Imħallef**

28 ta' Frar 2019

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**

28 ta' Frar 2019